**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 127 tal-21 ta' Ottubru 1997 dwar jekk mozzjoni li tirreferi għal aktar minn riżoluzzjoni waħda u tiġi diskussa f'salt, titteħidx votazzjoni waħda fuqha**

**MADAM SPEAKER**: Il-*point of order* imqajjem mill-Onor. Ċensu Galea tefa' l-attenzjoni tas-Sedja speċifikament fuq l-Ordni Permanenti Nru. 43 subinċiż (2).

Huwa minnu li *stante* li l-Kamra għażlet li taċċetta l-mod ta' kif inhi ppreżentata l-mozzjoni, minkejja li huwa ċar li m'hemmx qbil li l-mod kif ġiet ippreżentata huwa l-aktar mod feliċi, m'hemm xejn, la fil-liġi u lanqas fl-Ordnijiet Permanenti, li jeskludi li mozzjoni tat-trasferiment ta' artijiet tal-gvern ma tistax issir kif saret. Il-punt ta' kontenzjoni bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra huwa li n-naħa tal-Gvern qed issostni li l-mozzjoni proposta hija waħdanija filwaqt li l-Oppożizzjoni qed issostni li l-mozzjoni tinkorpora aktar minn proposta waħda u għaldaqstant l-Oppożizzjoni qed titlob li jsir vot separat.

Ordni Permanenti 43(2) jgħid li jekk mozzjoni jkun fiha żewġ proposti separati jew iżjed, dawk il-proposti jistgħu jiġu mressqa jew imqiegħda għall-voti mill-iSpeaker jew il-President bħala kwestjonijiet separati. Dan l-i*Standing Order* għandu s-sisien tiegħu fuq regola eżistenti fil-*House of Commons* Ingliża - ilkoll kemm aħna nafu li r-regoli ta' din il-Kamra tfasslu fuq regoli u konvenzjonijiet li jirregolaw il-proċedura tal-*House of Commons* - fejn fuq mistoqsija proposta lill-Kamra, il-Kamra setgħet tordna li din il-mistoqsija tkun diviża.

Mill-1888 'il hawn kien hemm ukoll każijiet fejn ġie deċiż li jekk xi membru joġġezzjona li mozzjoni li kellha aktar minn proposta waħda titqiegħed għaliha mistoqsija waħda, il-proposti għandhom jiġu meħuda separatament u minn dak iż-żmien sal-lum din il-prattika bagħqet *unchallenged* (kliem l-Erskine May, paġna 335, 336). Għaldaqstant is-Sedja jidhrilha li għalkemm id-diskussjoni fil-merti tista' tkun waħda - u għal dan jidher li kien hemm qbil - l-istadju tad-diskussjoni kollu kemm hu jinkludi wkoll il-votazzjoni. Fil-votazzjoni l-mistoqsija li s-Sedja tpoġġi għandha tkun tali li tippermetti lil kull Membru tal-Kamra li jesprimi b'mod ċar jekk hux favur jew kontra.

Dan il-punt taċ-ċarezza fil-votazzjoni joħroġ ukoll mill-konswetudni fil-Parlament tagħna u f'Parlamenti oħra b'sistemi bħal tagħna li jkun hemm rikors għal *division* biex joħroġ ċar il-vot favur jew kontra.

Id-dritt li jsiru emendi jeżisti dejjem u huwa differenti mit-talba li saret li jkun hemm aktar minn mistoqsija waħda fuq il-proposti li hemm fir-Riżoluzzjoni.

Għaldaqstant għandha ssir mistoqsija fuq kull proposta.